**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 83/2009**

**Illum: 27 ta' Settembru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Jean Claude Scicluna**
**ID 106176(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Jean Claude Scicluna ta' 31 sena, bin Michael u Maria Concetta nee` Zahra, imwieled San Giljan fl-14 ta' Frar 1976, residenti 22/1, 'Chircop Buildings', Anton Buttigieg Street, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` numru 106176(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Marzu 2007:

a) Importa jew gieb f'Malta (ghall-uzu personali) il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha f'dan il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-23 ta' Marzu 2007, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma, PC 213 Nicolai Borg u PC 1319 Matthew Xuereb waqqfu lill-imputat odjern gewwa l-ajruport ta' Malta, hekk kif kien ghadu gej fuq titjira minn Dubai u ghamlulu tfittxija, waqt liema tfittxija sabulu kaxxa tal-metall, b'*logo* tal-weraq tal-*cannabis* fuq il-wicc taghha. F'din il-kaxxa, kien hemm xi tabakk imhallat b'weraq suspettat *cannabis*. L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fejn gie investigat mill-Ispettur Theuma.[1]

Fix-xhieda tieghu dwar din is-sejba, PC 213 jghid illi fil-pussess tal-imputat instab mizien elettroniku. Fil-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Novembru 2011, wara li xehed PC 213 Nicolai Borg, l-Ispettur Theuma irrileva illi l-unika haga li nstabet u li giet elevata mill-pussess tal-imputat kienet il-landa msemmija u li ma kien instab l-ebda mizien elettroniku. Madankollu, jidher mill-ewwel stqarrija tal-imputat, rilaxxjata minnu fit-23 ta' Marzu 2017, liema stqarrija giet ikkonfermatha minnu fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, illi l-imputat fil-fatt kellu mizien elettroniku fil-pussess tieghu, liema mizien huwa jghid illi xtrah ghall-habib tieghu u li kien hadu terz tal-prezz li wiehed isibu f'Malta. Biss dwar dan, il-Qorti tinnota illi l-imputat qed jigi akkuzat biss bl-importazzjoni tal-pjanta *cannabis* ghall-uzu personali tieghu u ghaldaqstant, il-pussess tal-istess mizien, anke, kif ser jinghad, fic-cirkostanzi tal-kaz, m'huwiex relevanti ghall-kaz odjern.

Dwar il-kontenut tal-landa in kwistjoni, ghalkemm fix-xhieda tieghu in ezami, PC 1319 jghid illi fil-landa kien hemm tabakk b'xi bicciet tal-weraq suspettati tal-

[1] Ara x-xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg (a fol. 34 sa 36 tal-process) u x-xhieda ta' PC 1319 Matthew Xuereb (a fol. 37 sa 39 tal-process).

*cannabis*, in kontro-ezami, meta muri l-esebit in kwistjoni, ikkonferma li fil-landa kien hemm frak. Fix-xhieda tieghu, in kontro-ezami, l-Ispettur Theuma jghid illi fil-landa kien hemm tabakk tal-brim u "*qishom weraq imma ma stajtx niddefinixxi ezattament*"[2], tant li qabel ma hareg l-akkuza odjerna, stante li kellu dubju, huwa ghadda s-sustanza lix-Xjenzat Godwin Sammut bhala *police work* sabiex jivverifika x'kien il-kontenut tal-istess landa. Jikkonferma wkoll in kontro-ezami, illi fil-maggor parti tieghu, il-kontenut kien jikkonsisti f'tabakk u li kien ghalhekk illi kwalifika dan il-kontenut bil-kelma "*xi frak ta' weraq*"[3].

Mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[4] jirrizulta illi huwa nghata dokument wiehed ghall-analizi tieghu, liema dokument jikkonsisti f'borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 23/3/07, Hin 15.00 hrs, Elevat/i minn PC 213, PC 1319, fil-presenza ta' Jean-Claude Scicluna, minn MIA". F'din il-borza, kien hemm kaxxa tal-metall, bil-kliem fuqha "*Weeding Me Garden*", li fiha kien hemm speci ta' ftit tabakk.

L-istess espert ikkonkluda illi fis-speci ta' tabakk li kien hemm fil-kaxxa fuq imsemmija, f'ammont nett totali ta' 0.56 grammi, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC).* Il-purita` ta' dan is-speci ta' tabakk ghas-sustanza *THC* kienet ta' cirka 4.3%. Is-sustanza *THC* tinstab fil-pjanta tal-*cannabis.*

Fix-xhieda tieghu[5], imbaghad, l-istess espert jispjega illi fit-tabakk, instabet ftit sustanza tal-*cannabis,* li kienet imhallta mat-tabakk, "*jigifieri kien hemm tabakk bi ftit tracci ta' sustanza cannabis*"[6].

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[7] Huwa jispjega dwar dak li gralu waqt li kien qieghed fit-Tajlandja, kif kien vittma ta' *frame-up* mill-pulizija ta' Kopangan bl-ghajnuna ta' zewg tfajliet, kif gie arrestat, mehud f'*lock* up minn fejn hareg biss wara li l-pulizija kienu hadulu hafna mill-affarijiet li kellu u hallas il-flus, kif wara li ha parir mill-Konslu ta' Malta gewwa t-Tajlandja spicca l-habs, fejn qatta' sebat ijiem f'ambjent ta' vjolenza ezercitata mill-ufficjali tal-habs, kif marru ghalih missieru u ommu u gie rilaxxjat biss wara li hallsu izjed flus. Jispjega wkoll kif mar lura fil-*bungalow* li kien jghix fiha, minn fejn kien gie originarjament arrestat biex jipprova jigbor l-affarijiet tieghu jew dak li kien ghad fadal minnhom u fosthom gabar ukoll il-landa in kwistjoni. Huwa jghid hekk "*Ha*

[2] A fol. 19 tal-process.
[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Theuma a fol. 11 u 20 tal-process.
[4] Din tinsab esebita a fol. 43 tal-process.
[5] A fol. 41 sa 42 tal-process.
[6] A fol. 41 tal-process.
[7] Ara x-xhieda tal-imputat a fol. 66 *et seq* tal-process.

*nghidlex x'ghamilt ezatt. Dhalt fil-bungalow, qbadt l-affarijiet hekk ghal gol-basket, ghalaqt u tlaqt*".[8] Dwar dan l-episodju, jghid ukoll illi "*Kif tlaqt minn hemm jien qas biss kont fija nnifsi. Qas biss kont qed inhoss gismi iktar bil-biza' u nkwiet*"[9] u "*... fis-sekonda li hrigt minn hemm, I ran for my life*".[10]

Dwar din il-kaxxa, huwa jispjega illi kien is-sid tal-*bungalow* fejn kien jghix illi kien tahielu u dan bhala ringrazzjament ghall-fatt illi ftit qabel, huwa kien tah xi hwejjeg sabiex ikun jista' jbieghhom u jaqla' xi haga tal-flus biex imantni lil uliedu. Dan sehh qabel l-arrest tieghu. Jghid illi huwa ma kienx ilu wisq gewwa Kopangan – forsi dam xi hmistax jew tliet gimghat hemmhekk u ghalhekk kien f'dan iz-zmien li sid il-*bungalow* tah din il-kaxxa. Jghid illi dak iz-zmien huwa kien ipejjep billi jrembel it-tabakk u waqt li kien gewwa t-Tajlandja, gieli pejjep xi *joint* ukoll, darba xi kultant. Jghid ukoll illi l-kaxxa, li kienet zghira, kien fiha tabakk u li ma kienx jaf li fiha l-*cannabis.* Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx uza minn dan it-tabakk u jekk kienx fetah il-landa fil-frattemp, huwa jghid "*Kont ftahtha imma bicca landa zghira b'daqshekk tabakk, huma daqxejn insinifikanti. Ghalihom ifissru hafna li jaghtuk kaxxa b'naqra tabakk imma ghalija ma tantx kienet tfisser hafna u allura tfajtha hemm. Harist iva, kien hemm tabakk kull ma kien hemm fil-verita*`".[11]

Jghid ukoll illi huwa ma setax jigi lura lejn Malta mal-genituri tieghu, b'mezzi normali, ghaliex ittehidlu wkoll il-passaport u riedu izjed flus sabiex jaghtuhulu lura. Ghalhekk telaq minn hemm minghajr passaport, mar il-Malasja ghaliex kien jaf li l-fruntiera kienet pjuttost laxka u ghadda minghajr ma gie mwaqqaf. Hemmhekk mar ghand il-Konslu Malti u qallu li kien tilef il-passaport, minghajr ma qallu dwar dak li kien sehh fit-Tajlandja ghaliex beza'. Il-bagalja tieghu – u jidhirlu li kellu *hand luggage* ukoll - dejjem kienu mieghu matul dan il-hin kollu. Jghid ukoll illi minn hemm mar Dubai, fejn zammewh ghal 48 siegha, skont hu, ghalxejn u meta wasal Malta, arrestawh il-pulizija. Jidhirlu li l-kaxxa nstabet fil-*hand luggage*. Jerga' jghid illi huwa ma kienx jaf x'fiha l-kaxxa u in oltre jzid jghid illi fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu – li kkonfermahom waqt ix-xhieda tieghu – huwa kien qal lill-Ufficjal Investigatur "*what was the point li ngib kaxxa mieghi wara dak li ghaddejt minnu? Kif nista' nkun daqshekk stupidu wara li dak kollu li ghaddejt minnu li ngib xi haga b'mod intenzjonali*".[12]

---

[8] A fol. 73 tal-process.
[9] A fol. 75 tal-process.
[10] A fol. 71 tal-process.
[11] A fol. 77 tal-process.
[12] A fol. 79 tal-process.

Fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu fit-23 ta' Marzu 2007[13], l-imputat jispjega dak li spjega fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri ossia dak li wassal sabiex huwa jigi arrestat dwar allegat traffikar ta' droga, kif spicca l-habs ta' Koh-Samui ghal sebat ijiem, li huwa jiddeskrivihom bhala "*infern fuq l-art*"[14], kif il-ġenituri tieghu harguh minn hemm wara li hallsu Lm6,000, kif harab mit-Tajlandja, dahal il-Malasja, mar ghand il-Konslu Malti f'Kuala Lumpur u ghamillu passaport temporanju sabiex ikun jista' jivjagga lejn Malta. Huwa jinnega li huwa traffika d-droga gewwa t-Tajlandja biex ikun jista' jmantni lilu nnifsu waqt il-vjagg tieghu – dwar dan, fix-xhieda tieghu, huwa jispjega kif kien jahdem fi skola gewwa t-Tajlandja u li kien jaqla' xi Lm 400 fix-xahar. Jghid ukoll illi kien ipejjep xi *joint* tal-haxixa meta kien ghadu zghir, xi tlettax-il sena qabel.

Fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu fit-3 ta' April 2007[15], l-imputat jghid illi huwa pejjep xi *joint* tal-haxixa f'xi okkazzjonijiet gewwa t-Tajlandja xi tlett xhur qabel u meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien jaf li fil-kaxxa in kwistjoni, kien hemm xi weraq tal-haxixa, huwa jwiegeb "*Kieku kont naf kont se ngibha mieghi*?". Jghid illi tahielu Tajlandiz li kien joqghod hdejh u meta mistoqsi kif l-istampa ta' fuq il-kaxxa ossia ta' Bob Marley ipejjep *joint* tal-haxixa, imdawwar b'hafna haxix, ma qanqlitlux suspett dwar il-kontenut tal-landa, huwa jghid illi fit-Tajlandja hemm hafna minn dawn il-kaxxi li jirriklamaw it-tipjip tal-haxixa u jkompli jispjega dwar il-korruzzjoni tal-pulizija Tajlandiza u l-agir taghhom bl-ghajnuna tan-nies tal-lokal. Jghid ukoll illi kien jaf li t-Tajlandiz li tah il-kaxxa kien ipejjep il-haxixa u mistoqsi allura jekk dan ukoll, flimkien mal-istampa fuq il-wicc tal-kaxxa setax qanqallu suspett dwar il-kontenut, huwa jghid illi "*Ma kellix cans nahseb fuq x'seta kien il-kontenut ta l-istess kaxxa. Kieku kont naf x'fiha ezatt, ma kontx nghaddi biha fil-hand luggage minn 3 border passes w nibqa gej biha Malta minn Dubai daqskemm huma serji w intransigenti fuq droga Dubai.*"

Fix-xhieda tieghu, in kontro-ezami, l-Ispettur Theuma jikkonferma wkoll illi meta l-imputat wasal Malta, huwa kellu passaport temporanju, liema passaport inhariglu gewwa l-Malasja, wara l-intervent tal-awtoritajiet Maltin. Jghid ukoll illi huwa kien ghamel verifici mal-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin, li kkonfermawlu illi l-imputat kien talab l-assistenza taghhom biex jitlaq mill-pajjiz.[16]

[13] A fol. 31 sa 33 tal-process.
[14] A fol. 32 tal-process.
[15] A fol. 3 tal-process.
[16] A fol. 10 sa 23 tal-process u a fol. 26 sa 30 tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat qed jigi akkuzat bl-importazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* nhar it-23 ta' Marzu 2007. Mill-provi prodotti, m'hemmx dubju illi l-imputat kien fil-pussess ta' tracci tal-pjanta tal-*cannabis* mal-wasla tieghu gewwa Malta. Biss l-att materjali wahdu m'huwiex sufficjenti sabiex l-imputat jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Jehtieg ukoll illi jirrizulta, fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat importa tali sustanza gewwa Malta xjentement u volontarjament ossia bl-intenzjoni illi jaghmel dan. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Gunju 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Borg**:

"*Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

F'kaz iehor, ukoll deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Frar 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif**, inghad hekk:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-*

*segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).*"

F'dan il-kaz, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat kellu dik ix-xjenza li trid il-ligi illi huwa kien fil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u illi huwa importa tali sustanza volontarjament. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi l-imputat cahad mill-ewwel illi huwa kien jaf illi fil-pussess tieghu kellu l-pjanta tal-*cannabis* u l-verzjoni tieghu, kemm fil-mument li huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu, kif ukoll snin wara f'dawn il-proceduri, anke dwar il-mod li gie fil-pussess tal-kaxxa in kwistjoni, baqghet dejjem wahda konsistenti. Dwar il-verzjoni tal-imputat, ossia dwar dak li huwa jghid illi ghadda minnu qabel il-wasla tieghu f'Malta, il-Qorti tinnota illi l-imputat kien kredibbli ghall-ahhar u dan ghal diversi ragunijiet: fl-ewwel lok, l-istorja li jirrakkonta l-imputat difficli wiehed johloqha u mbaghad jibqa' konsistenti maghha, fit-tieni lok, in kontro-ezami, l-Ispettur Dennis Theuma jikkonferma illi huwa kien ghamel il-verifici tieghu dwar partijiet mill-akkadut mal-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin, li kkorroboraw dak li kien qallu l-imputat u fit-tielet lok, il-Qorti setghet tara hija stess il-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda u tista' tghid illi l-imputat deher genwin fix-xhieda tieghu. Tqis ukoll imbaghad illi kif inghad izjed 'il fuq, jirrizulta illi s-sustanza in kwistjoni kienet tikkonsisti fi ftit tracci tas-sustanza *cannabis* imhallta mat-tabakk, liema tabakk b'kollox kellu piz ta' 0.56 grammi. Ma jirrizultax in oltre mill-provi prodotti, illi l-imputat kien ghamel uzu mit-tabakk fl-istess kaxxa. F'dawn ic-cirkostanzi, hija verosimili u plawsibbli l-verzjoni tal-imputat li huwa ma kienx jaf li t-tabakk kellu fih din is-sustanza. Huwa verosimili wkoll dak li jghid l-imputat fir-rigward tal-fatt illi fuq il-wicc taghha l-kaxxa in kwistjoni kellha stampa ta' Bob Marley ipejjep *joint* u izjed minn hekk, wara dak kollu li l-imputat jghid illi kien ghadda minnu, huwa wisq improbabbli illi huwa kien lest li jiehu xi sogru ulterjuri billi jivvjagga bil-kaxxa in kwistjoni, kontenenti ftit tracci tal-*cannabis*. Huwa minnu illi l-imputat jghid illi meta huwa kien barra minn Malta, gieli kien pejjep il-*cannabis* f'xi okkazzjoni, izda fic-cirkostanzi msemmija, dan ma jxejjinx id-dubju li ghandha l-Qorti dwar kemm l-imputat kien jaf illi fil-kaxxa in kwistjoni kien hemm din is-sustanza u dwar kemm huwa kellu l-intenzjoni li jimporta tali sustanza gewwa Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha.

Tordna d-distruzzjoni tal-esebit Dokument DT1, hekk din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat